# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 23 ta’ April 2001**

**Avviz. numru 1377/00**

**Numru 43**

**Grima Communications Limited**

**vs**

**Premiere Investments Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija u wiehed u erbghin lira u ghaxar centezmi (Lm341.10) rappresentanti din is-somma l-bilanc ta’ reklami imxandra fuq l-istazzjon ta’ Radju Live FM fuq inkarigu u ghal beneficcju tas-socjeta konvenuta u li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-18 ta’ Awissu 2000, u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament. Is-socjeta’ konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm341.10,0 bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg